

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 476/2011**tas-17 ta' Mejju 2011****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal-limiti ta' qbid għas-sajd taċ-
ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni ICES Ila, IIIa u IV**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 57/2011 18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u għal bastimenti tal-UE f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu;

Billi:

- (1) Il-limiti ta' qbid għaċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni ICES Ila, IIIa u IV huma stipulati fl-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011.
- (2) Skont il-punt 4 tal-Anness IID għar-Regolament (UE) Nru 57/2011, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-qbid massimu permissibbli (TAC) u l-kwoti għall-2011 għaċ-ċiċirell f'dawk iż-żoni, abbażi tal-parir tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).
- (3) L-ICES tat il-parir tagħha fil-21 ta' Frar 2011 għal kull waħda mis-seba' żoni ta' ġestjoni ddefiniti fl-Anness IID tar-Regolament 57/2011. Il-parir tal-ICES ġie analiżat mill-STECF, li ta l-konklużjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni fl-24 ta' Frar 2011. Skont dak il-parir, il-limitu tal-qbid għaż-żona ta' ġestjoni nru 1 għandu jiżdied għal

320 000 tunnellata u l-limitu tal-qbid għaż-żona ta' ġestjoni nru 2 jitnaqqas għal 34 000 tunnellata. L-STECF qies ukoll xieraq li jiġu stabbiliti limiti tal-qbid ta' 10 000 tunnellata u 420 tunnellata rispettivament fiż-żoni ta' ġestjoni nru 4 u 6.

- (4) L-STECF qies li l-limiti tal-qbid taż-żoni ta' ġestjoni 3 u 7 għandhom ikunu żero. Madankollu f'parir supplimentari mogħti fis-17 Marzu 2011, l-STECF qies li seta' jiġi permiss limitu ta' qbid ta' 10 000 tunnellata fiż-żona ta' ġestjoni nru 3 sabiex jitwettaq monitoraġġ tas-sajd f'dik iż-żona.

- (5) L-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

ANNEX

L-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

L-annotazzjoni dwar l-ispeċi taċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni IIa, IIIa u IV tal-ICES għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

Speċijiet: Ċiċirell u qabdiel inċidentali assoċjati <i>Ammodytes</i> spp.	Żona: Ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV ⁽¹⁾ (SAN/2A3A4.)
Id-Danimarka	331 731 ⁽²⁾
Ir-Renju Unit	7 251 ⁽²⁾
Il-Ġermanja	507 ⁽²⁾
L-Isvezja	12 181 ⁽²⁾
Mhux allokati	2 750 ⁽³⁾
L-UE	351 670 ⁽²⁾ ⁽⁴⁾
In-Norveġja	20 000
TAC	374 420

TAC Analitika

⁽¹⁾ Esklużi l-ilmijiet sa sitt mili mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

⁽²⁾ Kwota proviżorja skont l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.

⁽³⁾ Kwota mhux allokata skont l-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.

⁽⁴⁾ Tal-anqas 98 % tal-kwantitajiet mit-TAC imniżżla l-art iridu jkunu ċiċirell. Qabdiel inċidentali ta' dab, kavalli u merlangu jridu jingħaddu bħala parti mit-2 % tat-TAC li jifdal.

Kundizzjonijiet speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness IID:

Żona: Żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE	1	2	3	4	5	6	7
	(SAN/*234_1)	(SAN/*234_2)	(SAN/*234_3)	(SAN/*234_4)	(SAN/*234_5)	(SAN/*234_6)	(SAN/*234_7)
Id-Danimarka	284 068	28 022	9 434	9 434	0	395	0
Ir-Renju Unit	6 209	613	206	206	0	9	0
Il-Ġermanja	435	43	14	14	0	1	0
L-Isvezja	10 431	1 029	346	346	0	15	0
L-UE	301 143	29 707	10 000	10 000	0	420	0
In-Norveġja	16 626	3 774	0	0	0	0	0
Mhux allokati	2 231	519	0	0	0	0	0
Total	320 000	34 000	10 000	10 000	0	420	0